MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 364/2012

**Maria Rosa magħrufa bħala Mary Rose Hobus**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' April 2012 fejn ġie premess:

1. Illi r-rikorrenti tirrileva li hija sa minn ċkunitha dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' 'Mary Rose';

2. Illi hija saret taf mingħand id-Direttur Intimat li hija rreġistrata miegħu l-isem ta' 'Maria Rosa' (Ara Att tat-Twelid hawn mehmuż u mmarkat Dok 'MR1');

3. Illi r-rikorrenti kienet fil-fatt ferm sorpriża b'dan meta hija tul ħajjitha kollha dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' 'Mary Rose' u dana hekk kif hija lesta illi tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna;

4. Illi d-Direttur tal-Passaporti kien ser joħroġ il-passaport bl-isem mhux ta' 'Mary Rose' u dana wara li r-Rikorrenti kienet ġja' ħallset ħalli jinħareġ tali passaport;

5. Illi r-rikorrenti hija ċittadina Maltija u li toqgħod il-Ġermanja;

6. Illi d-Direttur Intimat ma jistax jagħħmel il-korrezzjoni opportuni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti halli jirrifletti r-realta' tar-rikorrenti u dana mingħajr sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;

7. Illi għalhekk ir-rikorrenti kellha tressaq din l-kawża ħalli b'mod ufficjali isimha jiġi mniżżel bħala 'Mary Rose' u jiġi rifless skont il-liġi fl-Atti tat-Twelid tagħna u f'kull dokument ieħor uffiċjali tar-rikorrenti;

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati jogħġobha:

1. Tiddikjara illi isem ir-rikorrenti hu 'Mary Rose';

2. Tordna għalhekk lid-Direttur Intimat ħalli jagħmel l-emendi meħtieġa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti u dana billi fl-imsemmi Att tat-Twelid jiġi emendat fis-sens li isem ir-rikorrenti hu 'Mary Rose';

3. Tordna li a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bdil li ser isir a tenur tat-talba preċedenti jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tal-istess persuna, inkluż il-passaport u l-karta tal-identita' tar-rikorrenti;

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti a spejjeż tiegħu joħroġ passaport bl-isem skont l-ewwel talba attriċi.

Bl-ispejjeż u d-Direttur Intimat li minn issa qed tiġi nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-30 ta' April 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi bla ħsara għal premess biex it-tielet talba attriċi tkun tista' tintlaqa', ir-rikorrenti, a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Valentino Micallef, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi isimha kellu jinkiteb **"Mary Rose"**. Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għal iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. It-tieni eċċezzjoni hija wkoll parzjalment ġustifikata għaliex ma humiex indikati l-atti li l-atturi jridu jsewwu.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba' talba attriċi. Fir-rigward tat-tielet talba, din qed tintlaqa' biss limitatament b'riferenza għall-passaport u karta tal-identita', b'dan pero' li qed tiġi miċħuda fir-rigward ta' kull att ieħor li ma ġiex imsemmi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------